**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

## LAQGĦA NUMRU 26 – IT-TLIETA, 11 TA’ SETTEMBRU 2012 FIS-6.00PM

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Janet Barthet | Membru |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Salvatore Mousù | Membru |

### 1 Minuti Numru 25

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sinjorina Janet Barthet ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Alfred Mangion issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

2.1 Iċ-*Chairman* xtaq jirringrazzja lis-Sinjorina Janet Barthet u t-tim tagħha tax-xogħol li għamlu fil-Ġnien tal-Kappara fil-ħin u baġit stipulat, minkejja l-attentat ta' numru żgħir ta' residenti li għamlu l-almu kollu biex ifixxklu din l-inizjattiva biex dan il-ġnien jissebbaħ u jingħata ftit ħajja. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Il-Kumitat iltaqa’ mas-Sur Sammy Borg, il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart rigward xi lmenti li kien irċieva l-Kumitat.

### 3 Affarijiet Oħra

3.1 Is-Sur Alfred Mangion ippreżenta dikjarazzjoni. Dawn ġew annessi mal-minuti.

3.2 Għandha tintbagħat *reminder* rigward il-linji quddiem il-Vegimania.

3.3 Għandha tintbagħat ittra lir-resident rigward ir-*reserved parking* li jinsab fil-parti ta' fuq ta' Triq tas-Sliema.

3.4 Għandha tintbagħat *reminder* lil TM rigward it-talba għal One Way fi Triq il-Gardell.

3.5 Għandha tintbagħat ittra lil Marsovin rigward il-ħmieġ li jinsab fl-għalqa fi Triq it-Tellerit.

3.6 Ġie deċiż li ma jsirux id-*directional signs* fi Triq Wied Għollieqa minħabba li dawk il-ftit residenti li joqogħdu fil-parti ta' fuq ta' din it-triq jistgħu jinżlu għal Triq ir-Russett.

3.7 Għandha tintbagħat ittra lis-Sanità rigward in-*nappies* li jinsabu fi Triq Mons Debono.

3.8 Għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq iċ-Ċawl minħabba li l-bankina ma tistax issir fuq iż-żewġ naħat minħabba li din it-triq hija dejqa. Din l-ittra għandha sservi ta' konsultazzjoni mar-residenti.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.50pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta’ Ottubru 2012 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |